# Il-Medaljun ta' Santa Katarina V.M. fi Triq il-Karmnu

*Is-Sur Jeremy Cachia*

Iż-Żurrieq u Santa Katarina V.M. kienu minn dejjem ħaġa waħda flimkien - sa mill-ibgħad żminijiet.

Il-Kappella ta' Santa Katarina V.M. li darba kienet imwaqqfa fil-limiti tal-Baqqari, tmur lura għas-seklu 13 (fil-perjodu A.D. 1200 – 1500) u hija l-akbar xhieda ta' dan. Bejn is-sekli 14 u 15 insibu li twaqqfu l-ewwel parroċċi f' Malta u dik taż-Żurrieq iddedikata lil Santa Katarina V.M. tkun fost dawn il-parroċċi ewlenin. Mal-medda tas-snin, f' kull ġrajja tal-Istorja ta' raħalna, il-poplu taż-Żurrieq minn dejjem ħabb u kellu devozzjoni lejn din il-qaddisa Katarina waqt li poġġieha l-protettriċi tiegħu. Il-Knisja ewlenija ta' raħalna, it-tempju Katarinjan, huwa monument ħaj tad-devozzjoni u huwa l-ogħla ġieħ ta' mħabba lejn Santa Katarina V.M. Estenzzjoni ta' din id-devozzjoni tal-poplu taż-Żurrieq lejn il-patruna tiegħu huma l-għadd ġmielu ta' niċeċ, vilistruni, armi, fontispizji bi xbiehat ta' Santa Katarina V.M. u emblemi tagħha mal-faċċati tad-djar tagħna.



*Dettal tal-Medaljun ta' Santa Katarina V.M*

Fi triq il-Karmnu, waħda mit-toroq bikrin ta' raħalna, ma' dar antika, binja tipikament tas-seklu 17, f' numru 62, insibu medaljun bi xbieha ta' Santa Katarina V.M. Il-qaddisa tidher bil-kuruna fuq rasha b'idha l-leminija żżomm il-palma mħaddna ma' sidirha filwaqt li f' idha x-xellugija żżomm ix-xabla. Ir-rota mkissra, is-simbolu tal-martirju marbut mal-qaddisa tagħna, tidher fejn saqajha. Dan il-medaljun sabiħ, maħdum minn ġebla sħiħa, huwa mdawwar b'kuruna tar-rand. Fil-ġnub ta' dan il-medaljun insibu 2 emblemi żgħar oħra f' 2 ġebliet separati oħra: dak tan-naħa tax-xellug naraw l-arma tal-Kavallieri ta' Malta u fuq in-naħa tal-lemin insibu dik tal-Qalb ta' Ġesù u l-Ewkaristija. Ta' interess partikolari nsibu d-data tal-1674 imnaqqax fuq il-blata tal-bieb, l-annu ta' meta twaqqfet din il-binja antika, madwar 350 sena ilu.



*Parti mill-binja tas-seklu 17 u d-data fuq il-blata tal-bieb turi 1674 fi Triq il-Karmnu. Jidher il-Medaljun ta' Santa Katarina V.M.*

Referenzi:-

Zarb Seraphin M., Buhagiar M., St Catherine of Alexandria: Her Churches, Paintings and Statues in the Maltese Islands, Malta, 1979.

***Il-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. jawguraw il-Festa t-tajba liż-Żrieraq kollha b'mod speċjali lis-Soċi, benefatturi u partitarji tal-istess Soċjetà***





Design & Printing: Tel: 21250994/3